# Lura għall-istat oriġinali

**– Lisa Xuereb (ReCoop)**

ReCoop Ltd għadha kemm lestiet ir-restawr ta' tliet gandlieri minquxa fl-injam u ndurati bil-fidda. Dawn il-gandlieri jagħmlu parti minn sett akbar li jżejnu l-artal maġġur tal-knisja ta' Santa Marija tal-Qrendi fil-Festa tal-Madonna ta' Lourdes. Fil-fatt dawn il-gandlieri minquxa fl-injam huma parti minn sett ta' tnax-il gandlier li tlieta minnhom kienu restawrati minn ReCoop fil-bidu tas-sena li għaddiet. Il-gandlieri ta' stil barokk imorru lura għas-seklu 18 u huma fost l-isbaħ biċċiet dekorattivi ta' arti ta' dan is-seklu.

Sfortunatament dawn il-gandlieri kienu fi stat ħażin ħafna ta' preservazzjoni u kien jeħtiġilhom attenzjoni mmedjata sabiex tkun evitata iżjed ħsara. Kellhom ħsara strutturali kbira bħal qsim estensiv u ħsara fis-saffi ta' tħejjija ta' fuq u l-indurar. Matul is-snin il-partijiet ta' fuq ġarrbu telf estensiv. L-indurar estetiku tal-wiċċ kważi ntilef għalkollox minħabba s-saffi ħoxnin ta' ħmieġ u trab li nġabar fuq l-induratura, kif ukoll minħabba l-fdalijiet ta' biċċiet ta' xemgħa ħoxna li akkumulat fuqhom matul iż-żmien. Uħud mill-gandlieri kellhom partijiet neqsin li kellhom jerġgħu jsiru mill-ġdid.

Qabel seta' jibda l-intervent ta' restawr, il-gandlieri kollha ġew dokumentati fotografikament. Id-dokumentazzjoni kienet tikkonsisti f'fotografija diġitali taħt dawl iffiltrat. Dawn it-testijiet fiżiċi għenu lit-tim ta' ReCoop biex jidentifika kull preżenza ta' materjal barrani li seta' kien hemm fuq l-indurar oriġinali u għen biex ikun applikat l-aħjar trattament possibbli.

It-trattament beda bid-disinfestazzjoni tal-gandlieri biex ikun aċċertat li s-susa tiġi meqruda għal kollox. It-trattament li sar immedjatament wara kien l-infurzar tal-qafas tal-injam. Dan sar biex tkun imsaħħa l-istruttura kollha tal-gandlieri. Biex ikun evitat xi qsim u jkunu msaħħa l-partijiet neqsin, kienu kkonsolidati s-saffi ta' fuq, dan għen biex tissaħħaħ ir-rabta bejn is-sapport tal-injam u s-saff preparatorju. Il-fdal oħxon u l-qtar tax-xemgħa kien imnaddaf b'mod mekkaniku minn fuq il-wiċċ indurat bil-fidda. Dan kellu jsir b'mod attent ħalli ma jintmessx l-indurar oriġinali. Imbagħad saru testijiet fuq it-tindif tal-indurar. Dawn it-testijiet għenu biex ikun magħżul l-aħjar u l-iżjed prodott sikur ta' tindif biex jitneħħew is-saffi eċċessivi ta' ħmieġ. Fl-aħħar reġgħet saret rikostruzzjoni tal-biċċiet neqsin billi kienet osservata kemm jista' jkun it-teknika oriġinali.

It-trattament tlesta bil-proċess aħħari ta' integrazzjoni. Il-biċċiet neqsin fis-saffi ta' fuq kienu mimlijin b'kolla tal-annimali u ġibs fin minn Bolonja li għenu biex jerġa' joħroġ wiċċ lixx. L-indurar sar b' karti tal-fidda pur fejn hawn kienet użata t-teknika oriġinali bbażata fuq l-ilma. Din it-teknika ġiet applikata fil-partijiet neqsin kollha. Fl-aħħar il-gandlieri ngħataw dehra antika li tmur mal-ambjent oriġinali tal-madwar.

Matul il-proċess kollu ta' restawr u konservazzjoni, saret enfasi speċjali fuq il-kunċett ta' riversibbiltà u għall-preservazzjoni tal-materjal oriġinali. Bil-proġett mahdum apposta permezz ta' metodoloġija xjentifika, il-glorja estetika tal-gandlieri kienet irkuprata filwaqt li l-istabbiltà strutturali tagħhom reġgħet ġiet re-stabbilità u preservata.













